# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ
# ONOR. IMĦALLEF
# IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2024.**

**Kawza Nru: 10**

**Rikors Nru: 11/2018 ISB**

**Suzanne Mifsud (ID 0576763M); u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2023 l-isem "Suzanne Mifsud" ġie jaqra "Suzanne Mifsud ġja Mifsud"**

**vs**

**CityPro Limited (C-26902) u Edgar Mifsud (ID 402463M)**

**Dan huwa digriet mogħti fil-miftuħ waqt is-seduta tal-lum dwar rikors imressaq mill-intimati fis-17 ta' Novembru 2023, fejn talbu l-awtorizzazzjoni illi jressqu eċċezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-intimati tas-17 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu talbu l-awtorizżazzjoni tal-Qorti sabiex iressqu eċċezzjoni ulterjuri li tirrigwarda n-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti fis-sens illi r-rikorrenti m'għadx aktar għandha interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri, u dan wara illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Ġunju 2023, l-ishma u l-avvjament fil-kumpanija Citypro Limited ġew definittivament assenjati lill-intimat Edgar Mifsud.

Ħadet konjizzjoni tas-sentenza msemmija;

Rat ir-Risposta magħmula verbalment waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2023, minn fejn jirriżulta l-oppożizzjoni tar-rikorrenti għar-raġunijiet hemmhekk magħmula.

Rat illi f'dik l-istess udjenza l-Qorti semgħet lid-difensuri tal-partijiet u rriżervat illi tipprovdi fil-miftuħ fl-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan id-digriet huwa limitat biss għal dwar jekk l-intimati għandhomx ikollhom il-possibilità illi jressqu l-eċċezzjoni ulterjuri, u b'ebda mod ma' dan id-digriet għandu jiġi miftiehem illi bih il-Qorti qed tesprimi ruħha dwar jekk l-eċċezzjoni għandhiex mis-sewwa jew le.

Illi peress illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Ġunju 2023 stabbiliet b'mod definittiv illi l-ishma u l-avvjament tal-kumpanija mertu ta' dawn il-proċeduri għandhom, mid-data tas-sentenza msemmija, jappartjenu esklussivament lill-intimat Edgar Mifsud, il-Qorti tħoss leġittima t-talba tal-intimati illi jressqu tali eċċezzjoni sabiex din il-Qorti tkun tista' tissindikaha.

Illi l-Qorti sejra għalhekk tippermetti illi tkun ppreżentata risposta ulterjuri f'dan is-sens, ċjoè, in-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti fis-sens illi r-rikorrenti m'għadx aktar għandha interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għall-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, qed tgħaddi biex:

1. **Tilqa'** t-talba tal-intimati u tawtorizzahom iressqu eċċezzjoni ulterjuri fit-termini hawn fuq imsemmija,

2. **Tordna** illi dan għandu jsir fi żmien 20 jum mil-lum, bin-notifika lid-difensur tar-rikorrenti,

3. **Tordna wkoll**, in kwantu illi l-Qorti jidhrilha illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi trattata u deċiża minnufih, illi fis-seduta illi jmiss, il-partijiet iressqu kwalsiasi provi illi jista' għandhom fir-rigward tal-istess eċċezzjoni bil-għan illi jgħaddu biex jitrattawha wara.

Spejjeż riżervati għad-deċiżjoni finali.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**